# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum il-Ġimgħa 4 t'Ottubru, 2024**

**Rikors Ġuramentat.: 70/2015MH**

**Numru:5**

**The General Soft Drinks Company Limited (C1591)**

**Vs**

**Is-Soċjeta' "Fisherman's Rest Limited"(C54754)**

**Natalya Gennadiyivna Chyrkova**

**Joseph Spiteri**

**Maria Genesia Spiteri**

**Is-Soċjeta' Orchard Properties Limited.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat imressaq ai termini ta' l-artikolu 167 et seq tal-Liġijiet ta' Malta fejn ġie premess u mitlub is-segwenti;-

*"Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012), hawn anness u immarkat bħala Dok. "A", is-soċjeta` attriċi selfet is-somma ta' mija u sebgħin elf (€170,000) lis-soċjeta` konvenuta "Fisherman's Rest Limited".*

*Illi permezz ta' l-istess att, il-konvenuti l-oħra daħlu garanti solidali mas-soċjeta` konvenuta "Fisherman's Rest Limited" u obbligaw ruħhom illi jagħmlu tajjeb għad-dejn ta' l-imsemmija soċjeta` konvenuta "Fisherman's Rest Limited" .*

*Illi sussegwentement saru xi pagamenti lis-soċjeta` attriċi, u preżentement l-ammont dovut lill-istess soċjeta attriċi huwa ta' mija u tlett elef, disa' mija u seba' euro u 94 ċenteżmi (€103,907.94).*

*Illi dan l-ammont baqa' ma ġiex saldat u dana minkejja illi l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi sabiex iħallsu.*

*Illi fil-fehma tal-esponenti nomine, din is-somma ta' €103,907.94 hija ċerta, likwida u dovuta u l-konvenuti m'għandhom l-ebda eċċezzjoni xi jressqu għall-ħlas ta' dan id-debitu.*

*Għaldaqstant jgħidu għalhekk il-konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex in vista tas-suespost :*

1. *tiddispensa mis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta); u*

2. *tikkundanna l-konvenuta tħallas is-somma ta' €103,907.94 rappreżentanti l-ammont bilanċjali dovut mill-konvenuti fil-konfront tas-soċjetà attriċi kif ingħad.*

*Bl-ispejjes, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 701/2014 preżentat nhar is-sebgħa (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1147/2014, kif ukoll bl-imgħax mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra sad-data tal-pagament effettiv."*

Rat illi l-konvenuti intimati Joseph Spiteri, Maria Genesia Spiteri u s-soċjeta' Orchard Properties Ltd ressqu nota[1] li biha ikkontestaw il-proċeduri hekk imsejjħa bil-giljottina u dan għar-raġunijiet hemm premessi.

Rat ukoll li l-intimati l-oħrajn ġew sussegwentement notifikati bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni ai terminu ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti wara li semgħet lil konvenuti msemmija fin-nota ipprefiġġiet terminu lill-istess biex jippreżentaw in-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom.

**Tinnota pero' li dan qatt ma sar.**

Tara wkoll illi l-intimati l-oħra notifikati bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni baqgħu fi stat ta' kontumaċja.

Ikkunsidrat.

---

[1] Folio 9 datata 11 ta' Marzu, 2015.

Illi semgħet ix-xhieda kollha prodotti li nsuċċint xehed dwar l-arranġament li kien hemm bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuti għal loan kontra l-ammont ta' xorb li jkun ikkonsmat.

Semgħet illi f'dan in-negozju kien assigurat ukoll bil-presenti tal-garanti wkoll konvenuti.

Għar raġunijiet hemm spjegati dan in-negozju falla, pero mhux qabel ma ġie mħallas parti mil-loan mogħtija. Infatti tara illi fil-mori tas-smiegħ tal-kawża s-soċjeta' attriċi preżentat nota ta' riduzjoni ta' l-ammont li baqa' pendenti għall-ħlas.[2]

Aktar tard l-istess soċjeta' preżentat ukoll nota aġġornata ta' dak li għadu dovut għall-ammont hemm indikat.[3]

Rat ukoll in-nota ta' ċessjoni ta' l-istess soċjetà' attriċi fejn ċediet il-kawża fil-konfront ta' Karol Spiteri, Maria Genesia Spiteri u s-Soċjeta' Orchard Properties

[2] Folio 55
[3] Dok GSD -X folio 128. ,

Limited. **Għalhekk it-talbiet imressqa baqgħu viġenti biss kontra Fisherman's Rest Limited debitur prinċipali wkoll il-garanti Natalya Gennadiyivna Chyrkova.**

Ikkunsidrat.

Illi għalkemm huma miżmum illi l-kontumaċja mhix *walk over* jew mod kif il-proponent tal-kawża jeħles mill-inkombenza tal-provi, tara lis-soċjeta' attriċi avvanzat il-provi orali u dokumentarji biex issostni dak minnha mitlub.

Ukoll, għalkemm fin-nota msemmija li biha uħud mill-konvenuti irreżistew għall-proċedura sommarja ressqu diversi lanjanzi, naqsu jsegwu dan kemm bil-formalita' ta' eċċezzjonijiet ukoll imqar b'xi forma ta' sottomissjonijiet, kif fl-ewwel lok kien permezz lilhom u fit-tieni lok tippermettilhom il-liġi.

Konsegwentement ma tarax għala m'għandiex tilqa' t-talbiet attriċi kif proposti.

**Għalhekk taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi fil-konfront biss tas-soċjeta' Fisherman's Rest Limited qua debitur prinċipali wkoll Natalya Gennadiyivna qua garanti u tiddikjara u tikkundannahom għall-ħlas tas-**

**somma mija disgħa u għoxrin elf, disgħa mija wieħed u erbgħin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu, (€129,941.98) dan skont l-aħħar nota ġuramentata Dok GSD-X[4].**

**Bl-imgħax dekorribbli fuq is-somma prinċipali sal-pagament effettiv.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep.Reġ.**

[4] Folio 128